MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2009

Numru 870/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Bernard Spiteri**
**V**

**FORTUNATO GRILLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FORTUNATO GRILLO** ta’ wiehed w ghoxrin sena bin Alessandro u Angela nee Carotenuto, mwieled Troppea, l-Italja nhar t-tmintax ta’ Mejju 1988 u residenti Kamra Numru 306, ‘Dean Hamlet’, Triq il-Qaliet, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita taljana li ggib n-numru AH 5636042, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn w ghoxrin t’Awwissu 2009 fis-sighat bikrin ta’ filghodu gewwa ‘Dean Hamlet Hotel’, sitwata fi Triq il-Qaliet, San Giljan;

a. B'ghemil zieni kkorrompa lil Mungunbayar Enkhbayer, minorenni ta’ sittax il-sena;

b. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni tal-istess Mungunbayar Enkhbayer, minorenni ta’ sittax il-sena;

c. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ppartecipa f’attivitajiet sesswali ma persuna taħt l-eta u cioe Mungunbayar Enkhbayer, minorenni ta’ sittax il-sena;

d. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmija Mungunbayar Enkhbayer, minorenni ta’ sittax il-sena.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-police report esibit bhala Dok. CSH, l-karta tal-identita Taljana w il-licenzja tas-sewqan tal-imputat esibiti bhala Dok. CSH 1, l-fotokopja tal-passaport tal-allegata vittma Mungunbayar Enkhbayer esibita bhala Dok. CSH 2, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat esibita bhala Dok. CSH 3 kif wkoll l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Silvio Meli.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghat-tielet (3) akkuza, kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Hadd, tlieta w ghoxrin t’Awwissu 2009, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta’ din t-tielet (3) akkuza, din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid, jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.
Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz in minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sarlu waqt s-seduta ta’ nhar l-Hadd, t-tlieta w ghoxrin t'Awwissu 2009 ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk, fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tat-tielet (3) akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat wkoll l-kwerela tal-ġenituri tal-allegata vittma Mungunbayar Enkhbayer ta’ sittax il-sena esibita bhala Dok. CSH 4, fejn l-istess iddikjaraw li m’ghandhomx interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri w irrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Rat ukoll ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Mark Schembri Wismayer fir-rigward tal-allegata vittma Mungunbayar Enkhbayer esibit bhala Dok. CSH 5.
Rat wkoll l-stqarrija rilaxxjata mill-allegata vittma Mungunbayar Enkhbayer ta’ sittax il-sena esibita bhala Dok. CSH 6 liema xhieda guramentata nghatat waqt l-inkjesta magisterjali li nzammet mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Silvio Meli, fejn fiha l-istess Mungunbayar Enkhbayer iddikjarat li m’ghadhiex interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri u stqarret ukoll li dak li sehh bejna u l-imputat kien wiehed konsenswali.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li stante l-ammissjoni tal-imputat ghat-tielet (3) akkuza u stante d-dikjarazzjoni moghtija mill-minuri Mungunbayar Enkhbayer, l-istess Prosekuzzjoni kienet qed tirrinunzja ghax-xhieda tal-allegata vittma Mungunbayar Enkhbayer ta’ sittax il-sena pero nsistiet li jigu esibiti l-atti tal-inkjesta.

Semghet lil imputat jiddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tieghu li hu lest li jhallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra t’esperti nominati ‘n konnessjoni ma din l-inkjesta.

**Il-Qorti ghalhekk,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 203, 204, 204(c) u 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi **tiddikjara li qed issib lil imputat FORTUNATO GRILLO hati tal-tielet (3) akkuza kif ammessa minnu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1), t-tieni (2) w ir-raba (4) akkuza, stante rinunzja da parti tal-parti offiza.**

**Oltre dan, qed tikkundanna lil hati Fortunato Grillo sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra t'esperti nominati fl-atti tal-inkjesta u cioe ta' Doctor Mario Scerri bhala espert medikolegali, Doctor Marisa Cassar bhala Serologa u ta' PS 964 Robert Scicluna u PC 1261 Charles Pace bhala Scene of the Crime Officers, fl-ammont komplessiv ta' elfejn sitt mija sebgha w ghoxrin euro u sebgha euro centezmi (€2627.07) b' dan li jekk l-imputat ma jhallasx dawn l-ispejjez, tali somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata <u>minnufih</u> lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment l-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------